TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Deborah Attard**

**Vs**

**B4 Textiles Co. Ltd (C 8858) – Ramon Buhagiar**

**CCT 18/24/MM**

**Illum,** 12 ta' Novembru 2024

**It-Tribunal,**

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Jannar, 2024 fejn ir-rikorrenti ilmentat li nefqet is-somma ta' mitejn u sebgħa u sebgħin ewro (€277) għall-tapit u coffee table, liema oġġetti ma ġewx konsenjati lilha.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-kontro-talba ppreżentata mis-soċjeta' intimata fl-20 ta' Frar 2024.

Ra illi r-rikorrent, debitament notifikata bl-avviz tal-kontrotalba, ma daħlet l-ebda risposta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż ritratti, kontijiet u diversi korrispondenza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Illi l-fatti fil-qosor huwa s-segwenti. Illi nhar is-27 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti xtrat tapit u coffee table mingħand is-soċjeta' intimata u ħalllset is-somma ta' mitejn u sebgħa u sebgħin ewro (€277). Illi madwar sagħtejn wara li telqet mill-ħanut ir-rikorrenti rċeviet telefonata mir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata u qalilha li kien sar żball stante li l-mejda kienet tiswa iżjed mis-sebgħa u sebgħin ewro (€77) li ħallset hi. Illi r-rikorrenti tinsisti li l-mejda kienet immarkata bi prezz ta' sebgħa u sebgħin ewro (€77) u fuq l-istess mejda kien hemm miktub il-model number CT6073C1/S li jikkorrispondi man-numru li hemm indikat fl-irċevuta. Għalhekk l-ilment prinċipali huwa li s-soċjeta' intimata qatt ma għamlet id-delivery tal-oġġetti mixtrija u dan minkejja li hija ħallset il-prezz sħiħ.

Illi s-soċjeta' intimata tirrispondi billi tgħid li l-prezz korrett tal-mejda kellu jkun ta' mitejn ħamsa u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€265.50). Hija tatribwixxi dan l-iżball għal fattur indipendenti mill-volonta tagħha u tallega li xi ħadd kien biddel il-price tag tal-coffee table ma price tag ta' prodott ieħor u ċioe mera. Illi s-soċjeta' intimata taqbel li dan it-Tribunal għandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti inkwantu t-tapit iżda tiċħad it-talba tar-rikorrenti inkwantu l-coffee table għar-raġuni msemmija fil-kontrotalba u ċioe' stante li l-kunsens kien moghti bi żball.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jinnota li inkwantu t-tapit hemm qbil bejn il-partijiet u għalhekk ser jagħddi biex jilqa' t-talba rikorrenti għar-rigward tat-tapit. Illi għar-rigward tal-coffee table, u ċioe' fuq dwar jekk il-kunsens kienx moghti bi żball tajjeb li jigi ribadit dak li hu ormaj pacifiku fil-gurisprudenza taghna, jigifieri meta att irid jigi annullat, imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni mil-ligi stabbilita dan jehtieg li jkun dedott b'azzjoni separata u mhux in via ta'

eccezzjoni (Vol. XXVII P II p 262; Vol. XXIX P I p 452, P II p 1090; Vol. XLIX P I p 406). Illi għalhekk dan il-punt ser jiġi eżaminat fid-dettal fil-patri tad-deċiżjoni li titratta l-kontro-talba.

**Kontro-Talba**

Illi għar-rigward tal-konto-talba is-soċjeta' B4 Textiles qegħda titlob in-nullita tal-kuntratt datat 23 ta' Novembru 2023.

Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma daħlitx risposta u għalhekk hija kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited**

deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali".* (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

Illi fil-qosor is-soċjeta' B4 Textiles qegħda tallega li l-kuntratt tal-komprovendita datat 23 ta' Novembru 2023 kif mitlub fil-kawża CCT 18/24 MM huwa kolput jew ivvizjat bi żball ai termini tal-artikolu 974 u 976 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra**

Illi dwar kunsens moghti bi żball l-artikolu 976 (1) jipprovdi hekk:- "*L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.*"

Illi fis-sentenza "**A. Aquilina et vs Av.Dottor A.H.Farrugia noe**" (P.A. (RCP) 22 ta' Mejju 2001 – Cit.Nru: 2689/96/RCP) gie kkwotat is-segwenti:- "*Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta' fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16)*".

Illi dejjem ġie ritenut mill-Qrati taghna li biex jagħti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet "*Alessandro Portanier vs Paolo Dalli*" irriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qaulita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le

supponevano; l'errore sara` sostanziale". ("**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" – P.A. (AJM) 10 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI.III.44). "Illi 'nfatti, fis-sentenza "**Sacerdot C. Caruana et vs M.Bugeja**" (A. C. 5 ta' April 1922 – Vol.XXVE.ii.81) illi "...per invalidare una transazione per errore sull'oggetto, pertanto, l'errore deve aver avuto tanto peso subiettivo sull'animo del contraente, da rendere certo che questi, in difetto di quell'errore, non sarebbe intervenuto...".

Illi mbaghad fis-sentenza "**Onorato Pisani vs Negte. Joseph Mamo noe**" (A.K. 7 ta' Novembru 1933 – Vol.XXVIII.i.1218) intqal li "…l'errore, per essere causa di vizio del consenso, deve essere scusabile. La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo cui l'errore non puo' addursi quando e' l'effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tale caso e' da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnun sentire. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di Sua Maesta', il di' 28 marzo 1909, in re Axisa vs Aquilina (Collez. Vol.XVII.i.108) ritenne che : una dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si puo' impugnare per causa d'ignoranza o di errore, quando colui che la impugna non poteva, nel momento di tale duchiarazione, trovarsi in istato di tale ignoranza od errore."

Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza "**M. G. Philips vs R. Storace et**" (A.K 14 ta' Frar 1941 - Vol.XXXIA.i.12), kif ukoll "C. **Zarb et vs G. Xuereb**" (A. K. 13 ta'Ottubru 1998 - Vol.LXXXII.ii.1027) fejn intqal illi: "*Zball ta' fatt jipproduci n-nullita' tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is-sostanza tal-haga li tifforma l-oggett tal-konvenzjoni hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma 'sustanza' ghandha tittiehed bhala sinonimu ta' 'kwalita' sostanzjali' u li din il-kwalita' tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet (Vol.XXXII.ii.157).*"

Illi t-Tribunal jinnota li ma ngabet l-ebda provda dwar xi kuntratt datat 23 ta' Novembru 2023 bejn il-partijeit. X'aktarx li s-soċjeta' intimata riedet tirreferi għall-kuntratt tas-27 ta' Novembru 2023. Illi pero' anki f'dan il-każ, it-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata naqset milli ġġib il-provi biex isaħħaħ il-każ tagħha li l-kuntratt għandu jiġi dikjarat null minħabba żball li jolqot il-ħaġa nnifisha.

Illi l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Illi fonfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi t-Tribunal jinnota li Kien jispetta lir-rikorrenti jresssq provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċi lilt-Tribunal Illi l-mejda verament kienet tiswa prezz differenti minn dak

immarkat fil-mument meta r-rikorrenti xtrata. Illi s-soċjeta' intimata kellha l-opportunita' li tippreżenta evidenza iżda naqset li tagħmel dan.

Illi f'każijiet bħal dawn, l-assunzjoni u l-preżunzjoni għandha tkun li l-prezz indikat fuq il-prodott huwa prezz korrett, u dan jagħmel offerta valida mill-bejjiegħ lill-konsumatur. Il-konsumatur, f'dan il-każ, aġixxa b'mod bona fide, billi ħallas il-prezz kif indikat u telaq mill-ħanut taħt l-impressjoni li l-ftehim kien konkluż.

Il-bejjiegħ, jekk verament kien hemm żball ġenwin, kellu l-opportunità u l-obbligu li jipproduċi evidenza ċara u konvinċenti biex juri dan l-iżball. Pereżempju, il-bejjiegħ seta' jippreżenta dokumenti ta' xiri bħalma huma l-fattura tal-fornitur, jekk il-coffee table kienet impurtata, jew l-ispejjeż tal-produzzjoni, jekk kienet manifatturata mill-bejjiegħ stess, biex juri li kien hemm diskrepanza sinifikanti bejn il-prezz miktub u l-ispejjeż reali tiegħu. Tali evidenza tkun essenzjali biex tikkonferma l-eżistenza ta' żball konsiderevoli u mhux biss differenza żgħira fil-prezz li jista' jkun aċċettabbli.

Illi fil-kawza "**Piscopo vs Filletti**" deċiża fis-16 ta' Gunju, 2003, il-Prim Awlta tal-Qorti Civili osservat li l-izball ta' fatt irid ikun sostanzjali u skuzabbli, "*Ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli*". F'dan il-kaz, ma jistax jinghad li, jekk verament kien hemm zball, dan kien skuzabbli stante li l-prodott kien ilu minn tal-inqas erbat ijiem immarkat b'dak il-prezz u kif qalet tajjeb ir-rikorrenti l-kodiċi tal-prodott li kien hemm fuq il-mejda kien jaqbel mal-kodiċi li kien hemm fl-irċevuta. Għalhekk m'huwiex verosimili li xi terza persuna biddlet il-price tag ma dik ta' prodott ieħor.

Applikati l-prinċipji legali għall-każ odjern, mingħajr prova ċara u kredibbli li l-prezz kien żbaljat u mhux vijabbli ekonomikament, huwa raġonevoli li l-ftehim jinżamm bħala validu.

**Decide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiddeċidi l-kawża billi jiċħad il-kontro-talba bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata u qiegħad jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' B4 Textiles Limited tagħmel id-delivery tat-tapit u l-coffee table fi żmien ġimgħatejn mil-llum bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**